MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2009

Numru. 1084/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**
**KONTRA**

**GRAZIELLA FENECH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Graziella Fenech ta' 22 sena, bint Joseph u Josephine nee' Ellul, mwielda Pieta' nhar it- 22 ta' Dicembru 1986, u residenti gewwa fond numru 16, Bondolier Square, Zejtun u detntrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 9587(M);

Li giet mressqa quddiemha sabiex tiwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) F'dawn il- Gzejjer, nhar l- 10 ta'Ottubru 2009 u/jew fil- granet ta' qabel din id- data, ghamlet b' falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku u cioe' permess mahrug mill- Kunsill Lokali tal- Hamrun, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl- iskrittura jew fil- firem, billi halqet pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlet dawn il- pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk l- atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella billi ziedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l- atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan bi ksur tal- Artikolu 183 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

2) U aktar talli fl- istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f' dawn il- Gzejjer, xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza u cioe' permess mahrug mill- Kunsill Lokali tal- Hamrun u dan bi ksur tal- Artikolu 184 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

3) U aktar talli fl- istess perjosu ta' zmien u cirkostanzi, f' dawn il- Gzejjer, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha innifisha jew ghal haddiehor, f' xi document mahsub ghal xi awtorita' pubblika u cioe' permess mahrug mill- Kunsill Lokali tal- Hamrun, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tat taghrif falz u dan bi ksur tal- ARtikolu 188 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

4) U aktar talli f' dawn il- Gzejjer, fl- istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi document iehor falsifikat u cioe' permess mahrug mill- Kunsill Lokali tal- Hamrun u dan bi ksur tal- Artikolu 189 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fi stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan il-kaz kien risultat ta' frustrazzjoni tal-imputata biex issib parkegg ghall-vettura taghha, li minhabba f' hekk hasbet f' soluzzjoni ghal kwantu ingenwa izda illecita. L-imputata hadet fil-pussess taghha permess ta' parkegg mahrug mil-Kunsill Lokali tal-Hamrun u hassret id-dettalji fuq dak il-permess u kitbet taghha minflok, sabiex taghmel usu mill-istess permess hekk alterat. Minhabba f' hekk hargu l-imputazzjonijiet odjerni, u l-imputata ammettiet l-izball taghha mal-ewwel, sahansitra anke fl-istadju tat-tehid tal-istqarrija taghha mill-ufficjal prosekutur. Fl-istess stqarrija hi uriet li ma kienetx qed tapprezza l-gravita' tal-ghemil taghha, u ddispjaciha ferm ta' dan kollu. Ghalhekk, ghalkemm sejra tinstab htija fl-imputata, il-Qorti sejra tkun klementi maghha fil-piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 183, 184, 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmija imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------